DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR191270** **08.06.2019**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

***Il-Parlament ta' Malta jikkommemora ċ-ċentinarju tas-Sette Giugno***

Il-Parlament Malti kkommemora ċ-ċentinarju mill-avvenimenti storiċi li seħħew fis-Sette Giugno tal-1919 b'numru ta' attivitajiet.

**Wirja fil-bini tal-Parlament intitolata *Culhat al Belt***

Il-Parlament ta' Malta ngħaqad ma' Heritage Malta u mal-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali biex tittella' wirja fil-*foyer* tal-bini tal-Parlament li tfakkar il-ġrajjiet tas-Sette Giugno li seħħew fl-1919; perjodu tant sinifikanti fl-istorja ta' pajjiżna. L-isem li ngħatat din l-esebizzjoni ta' dokumenti u ta' pitturi tal-epoka hu *Culhat al Belt* li jirrifletti l-għajta li dak iż-żmien sejħet lill-poplu Malti biex jidħol il-Belt Valletta biex jitlob li jingħata d-drittijiet tiegħu.

Waqt serata tal-okkażjoni li ttellgħet nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2019 quddiem il-Parlament, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia rrimarka li permezz ta' din il-wirja m'aħniex biss insellmu l-memorja ta' ħutna Maltin u Għawdxin li b'demmhom inkitbet ġrajja glorjuża fl-istorja ta' pajjiżna iżda wkoll qed nassiguraw li jikber aktar l-għarfien dwar kif issarrfet dik it-tbatija matul iż-żmien u allura x'għandhom ifissru għalina llum dawk il-ġrajjiet. Enfasizza li aħna sibna s-sodda mifruxa f'dawk li huma drittijiet ta' rappreżentanza fil-governanza tal-pajjiż u għalhekk għandna ngħarfu l-valur u nkunu rikonoxxenti għal dak li ġara matul dak il-perjodu.

F'dan il-kuntest irrefera għall-mixja fid-demokrazija parlamentari matul is-snin ta' wara l-1919 u fost affarijiet oħra semma l-kisba tal-vot tan-nisa fl-1947 u l-vot taż-żgħażagħ ta' sittax-il sena fl-aħħar snin. Żied jgħid li l-iżviluppi li seħħew huma kollha xhieda tal-fatt li d-demokrazija mhix kunċett statiku iżda, meta titħaddem b'mod tajjeb, dejjem tevolvi biex tirrifletti r-realtajiet tal-ħajja.

Fid-diskors tiegħu l-Ispeaker Farrugia rrefera wkoll għall-irwol tal-*media* fit-tħaddim tad-demokrazija fejn saħaq li fl-era moderna tat-theddida tal-*fake news*, hu imperattiv li l-mezzi tax-xandir iwasslu l-aħbarijiet b'mod korrett. Dan sabiex il-poplu, meta jiġi biex jixtarr u jirrifletti dwar lil min għandu jafda fit-tmexxija ta' pajjiżu, ikun ifforma opinjoni fuq il-fatti aktar milli fuq is-simpatiji.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kkonkluda d-diskors tiegħu billi qal:

> "Mitt sena mill-avvenimenti koroh f'pajjiżna ta' Ġunju tal-1919 inħoss li mhuwiex biss dmir, imma obbligu, li nirriflettu fuq l-istat tad-demokrazija f'pajjiżna u kif din tista' dejjem



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

tissaħħaħ, sabiex dik li kienet ħolma ta' missirijietna tkun tassew ir-realtà tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri".

Is-serata tal-ftuħ tal-wirja *Culhat al Belt* kienet indirizzata wkoll mid-Deputat Prim Ministru u mill-Ministru għas-Saħħa Chris Fearne, mill-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia, minn Patri Anthony Sciberras M.S.S.P. dwar is-sehem ta' Mons Giuseppe de Piro waqt il-ġrajjiet tas-Sette Giugno u mill-Kuratur tal-Wirja *Culhat al Belt* is-Sur Kenneth Gambin.

**Tnedija tal-ktieb *Remembering Sette Giugno 1919***

Nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2019, fis-sala fejn jiltaqa' l-Parlament ta' Malta, saret it-tnedija tal-ktieb *Remembering Sette Giugno 1919* taħt l-awspiċi tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia.

L-Ispeaker Farrugia fetaħ din l-attività billi saħaq dwar l-importanza li dejjem titkompla r-riċerka fl-istorja ta' pajjiżna, mhux b'inqas f'dawk il-ġrajjiet li seħħew fiż-żminijiet tas-Sette Giugno li taw bidu għall-Parlament Malti. Ikkummenta wkoll dwar it-titolu tal-ktieb għaliex hu tassew essenzjali li aħna ma ninsewx is-sagrifiċċji li għamlu dawk ta' qabilna biex stajna nieħdu rajna f'idejna f'dik li hi t-tmexxija ta' pajjiżna.

Din l-attività kienet indirizzata wkoll mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo, mid-Deputat tal-Kamra Robert Cutajar, mill-awtur tal-ktieb Alexander Cutajar, mill-editur George Cassar u mir-rappreżentant ta' Kite Group Publishers Gordon Pisani.

Għal din l-attività ġew mistiedna jattendu numru sabiħ ta' studenti tal-iskola Mater Boni Consilii ta' Raħal Ġdid kif ukoll is-Surmast tal-istess skola Dr Kenneth Vella.

**Ċerimonja uffiċjali tas-Sette Giugno**

L-Ispeaker Anġlu Farrugia laqa' lill-Prim Ministru Joseph Muscat, lill-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia, lill-qraba tal-vittmi tas-Sette Giugno u lil bosta persuni distinti fi Pjazza San Ġorġ il-Belt Valletta għaċ-ċerimonja uffiċjali tas-Sette Giugno li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2019 filgħaxija quddiem il-monument li jikkommemora din il-ġrajja.

Fid-diskors tal-okkażjoni l-Ispeaker Farrugia saħaq dwar il-ħtieġa li biex aħna nirrispettaw it-tbatijiet ta' dawk li tilfu ħajjithom kif ukoll ta' dawk li korrew jew intbagħtu l-ħabs għaliex iġġieldu għal drittijiet li aħna għadna ngawdu llum, jeħtieġ li dejjem naraw kif nimxu 'l quddiem biex insaħħu d-demokrazija parlamentari. F'dan ir-rigward irrefera prinċipalment għal żewġ żviluppi fil-qafas leġiżlattiv li jmiss jittieħdu mill-Parlament Malti; id-dritt taċ-ċittadin għal tweġiba dwar dak li jingħad dwaru fil-Kamra tad-Deputati u l-parteċipazzjoni ta' iktar nisa bħala rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament permezz ta' mekkaniżmu li jindirizza din id-diskrepanza li hawn min jargumenta li tammonta għal defiċit demokratiku. Qal li jemmen li dawn iż-żewġ miżuri għandhom isaħħu d-demokrazija parlamentari rappreżentattiva.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati rrimarka wkoll li b'sodisfazzjon jinnota l-progress li sar fil-ħidma tal-Parlament, fosthom bit-twaqqif ta' Kummissarju kif ukoll ta' Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. L-Ispeaker Farrugia informa lil dawk preżenti li dawn l-istrutturi, li

diġà bdew jaħdmu, għandhom jikkontribwixxu biex tiżdied il-kontabilità tal-membri Parlamentari u fl-istess ħin tiżdied il-fiduċja tal-poplu Malti fl-istituzzjoni parlamentari.

**Quddiesa b'suffraġju għall-vittmi tas-Sette Giugno**

Nhar il-Ġimgħa, proprju fil-jum tas-7 ta' Ġunju 2019, fuq inizjattiva tal-Parlament Malti ġiet iċċelebrata quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata b'suffraġju għall-vittmi tas-Sette Giugno.

Il-quddiesa ġiet konċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta Charles J Scicluna, mill-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona u mill-Isqof ta' Għawdex Mario Grech.

Waqt l-omelija l-Arċisqof Scicluna dwar fuq il-bżonn li b'rispett lejn dawk li sofrew tant meta seħħew il-ġrajjiet li qed jiġu kommemorati, għandna lkoll inħossuna fl-obbligu li naraw li d-drittijiet u l-prinċipji li tħaddan il-Kostituzzjoni ta' Malta jiġu dejjem mħarsa.

Preżenti kien hemm l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia flimkien mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ Carmelo Abela, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici, id-Deputy Speaker Claudette Buttigieg flimkien ma' membri Parlamentari, qraba tal-vittmi tas-Sette Giugno u persuni distinti oħra.

Minnufih wara l-quddiesa dawk preżenti mxew f'korteo lejn il-monument fejn hemm midfuna erba' vittmi tas-Sette Giugno. Waqt ċerimonja qasira ta' talb u ta' tqegħid ta' kuruni ġiet osservata minuta silenzju f'ġieħ dawk midruba u ndaqqu *Last Post* u *Reveille* mill-banda tal-Pulizija.